**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 226/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Francesco Saliba**
**(ID 0004597(M))**

**Illum, 28 ta' April 2021**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Francesco Saliba** ta' 17-il sena, iben Antoine u Caroline nee` Mifsud, imwieled Ħaż Żabbar fit-18 ta' Diċembru 1996 u joqgħod Nru. 48C, Triq Sqaq Britanniku Nru 1, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0004597(M) qiegħed jiġi akkużat:

Talli nhar il-21 ta' Novembru 2014 u fix-xahrejn ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Produċa, biegħ jew xort'oħra traffika r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendat;

4. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation*, mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. E. Grima LL.D. nhar is-26 ta' Marzu 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

Rat ukoll illi għall-fini ta' din it-talba, fl-istess seduta, id-difiża talbet illi l-Qorti tieħu konjizzjoni tax-xhieda ta' Louis Cachia u ta' Christianne Azzopardi mismugħa fl-istess jum, kif ukoll tas-*Social Inquiry Report* redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina;

Rat ukoll illi fuq talba tad-difiża fl-istess jum, il-Qorti ħatret bħala espert lil Dr. Roberta Holland, Psikologa Forensika, sabiex tirrelata lill-Qorti bil-miktub dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga *cannabis* u *ecstasy* f'Novembru 2014 u fix-xahrejn ta' qabel din id-data[2];

Rat ir-rapport tal-istess espert Dr. Roberta Holland ippreżentat minnha quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021[3];

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-partijiet jirimettu ruħhom għall-provi prodotti.

---

[1] Ara a fol. 73 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 73 u 73A tal-proċess.
[3] A fol. 147 *et seq* tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat **Francesco Saliba** jinsab akkużat bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tar-raża tal-*cannabis*, kif ukoll bir-reat ta' pussess 'sempliċi' tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy* u dan b'referenza għall-21 ta' Novembru 2014 u x-xahrejn ta' qabel din id-data. Mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-imputat ġie mixli b'dawn l-imputazzjonijiet wara illi allegatament huwa nstab fil-pussess tar-raża tal-*cannabis* u ta' pilloli *ecstasy.*

Għall-finijiet tal-provvediment odjern, il-Qorti tirrileva illi sabiex it-talba tad-difiża magħmula ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta tirnexxi, irid jintwera fost oħrajn illi r-reati li bihom l-imputat ikun qiegħed jiġi akkużat ikunu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

Illi b'żieda ma' dan, il-Qorti tqis in oltre illi għall-finijiet ta' dan il-provvediment u dawk tax-xorta tiegħu, hija m'għandhiex tinoltra ruħha fil-mertu fl-evalwazzjoni tat-talba tad-difiża. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-evalwazzjoni tal-assjem tal-atti fil-mertu għandha tkun riservata għas-sentenza li permezz tagħha tiġi deċiża r-reita` o meno tal-imputat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet legali u proċedurali, jirriżulta illi l-provi mressqa mid-difiża b'rabta mat-talba mressqa minnha ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tikkonsisti fix-xhieda ta' Louis Cachia ossia d-datur tax-xogħol tal-imputat, ix-xhieda tas-sieħba tal-imputat, kif ukoll ix-xhieda u r-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland, maħtura mill-Qorti kif fuq ingħad.

Din il-Qorti qed tieħu konjizzjoni wkoll tas-*Social Inquiry Report* redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina fuq talba tad-difiża u esebit mill-istess Uffiċjal tal-*Probation* fis-seduta tat-12 ta' Frar 2020.[4] Dan ir-rapport, minkejja li mhux redatt direttament b'rabta mat-talba mressqa mid-difiża in diżamina in kwantu mħejji u esebit qabel ma saret l-istess talba, huwa relevanti wkoll għall-fini ta' dan il-provvediment u effettivament, kif ingħad iżjed 'il fuq, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni tiegħu għall-fini ta' din it-talba tagħha.

Il-Qorti tqis ukoll illi kemm l-Uffiċjal tal-*Probation,* kif ukoll l-espert Dr Roberta Holland jsejjsu l-konklużjonijiet tagħhom sostanzjalment fuq dik l-informazzjoni li ngħatat lilhom mill-imputat, u dan kif jirriżulta mill-istess rapporti. Għall-korrettezza u kompletezza jiġi osservat illi l-Uffiċjal tal-*Probation* ħadet kont

[4] Ara dan is-*Social Inquiry Report* a fol. 63 *et seq* tal-proċess.

ukoll ta' informazzjoni mogħtija minn familjari tal-imputat, fil-waqt li l-espert Dr Holland straħet fil-maġġor parti fuq l-informazzjoni fornuta lilha mill-istess imputat, iżda kkomunikat ukoll kemm ma' Joseph Mizzi, li kien isegwi lill-imputat bħala Uffiċjal tal-*Probation* bejn is-snin 2012 u 2015, kif ukoll mal-Uffiċjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina, u dan fil-waqt li għamlet użu minn għodda li solitament isir użu minnha fil-professjoni tagħha sabiex tagħmel l-evalwazzjoni tagħha u tasal għall-konklużjonijiet dwar dak mitlub minnha, liema konklużjonijiet jifformaw parti mir-relazzjoni tagħha.

Il-Qorti wettqet eżami komparattiv taż-żewġ rappori, mil-liema jirriżulta illi l-imputat beda jabbuża mill-*cannabis* fl-eta` tenera ta' erbatax-il sena, u dan fi stadju meta huwa kien għaddej minn problemi ta' natura familjari b'kawża tas-separazzjoni personali tal-ġenituri tiegħu. Skont is-*Social Inquiry Report,* huwa kien għamel żmien li fih kien ipejjep il-*cannabis* kuljum. In oltre skont l-istess rapport, madwar erba' snin qabel, u allura fis-sena 2016, ħu l-imputat kien ħareġ ma' tfajla li l-imputat kien f'relazzjoni magħha u illi b'kawża ta' dan huwa kien waqaf jaħdem u reġa' beda jabbuża mill-*cannabis* b'mod regolari. Ir-rapport jgħid ukoll illi meta kellu sbatax-il sena, waqaf juża l-*cannabis* u kien f'dan iż-żmien li ltaqa' mat-tfajla li għandu llum. F'parti oħra tar-rapport, jingħad ukoll illi l-imputat qal illi kien ilu madwar ħames snin, u allura għall-ħabta tas-sena 2015, li ndirizza l-problema tad-droga. Testijiet tal-urina li ttieħdu lill-imputat ġewwa d-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole* f'Ottubru 2019, f'Diċembru 2019, f'Jannar u fi Frar 2020 irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.

Mir-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland jirriżulta illi fiż-żmien illi l-ġenituri tal-imputat kienu qegħdin jisseparaw, huwa kien prova l-*cannabis* waqt li kien qiegħed ma' xi ħbieb u din għenitu jikkalma, jinsa u jaljena rasu mill-problemi tiegħu. Iżjed 'il quddiem, kien beda jixtri l-*cannabis* hu stess u anke jpejjep waħdu. Għall-bidu kien joqgħod attent stante li kien taħt Ordni ta' *Probation,* iżda f'dak iż-żmien ġieli abbuża mid-droga sintetika sabiex ma timmarkax fit-testijiet li kienu jsirulu. Skont l-istess relazzjoni:

> "Meta kellu d-disgwid ma' ħuh, kien żmien diffiċli għall-imputat u jiftakar li fl-istat mentali u emozzjonali li kien jinsab fih, kien beda jżid sew fil-konsum tal-kannabis. Imur ix-xogħol, ipejjep wara u qabel ix-xogħol, imma kien hemm żmien meta anke waqt ix-xogħol kien ipejjep. Jiftakar fil-fatt li kultant ma kienx jirnexxielu jirreżisti l-kilba li kienet taqbdu, u fuq ix-xogħol kien naqqas mill-attenzjoni li kien jagħti. Ftit wara dan kien anke waqaf mix-xogħol u dan iżjed wassal sabiex il-konsum iżid. Qal li kien spiċċa d-dar ipejjep u jiekol biss. Il-kannabis kienet ittih il-wens peress li kienet tgħinu jinsa u jinqata' ftit mir-realta` li kienet tinkwetah, kif ukoll tikkalmah mir-rabja li kien iħoss. Dan ifisser li kien juża l-kannabis anke sabiex jikkura lilu nnifsu mill-

ansjeta` li kien iħoss u sabiex iħossu maqtugħ mill-problemi. Il-quddiem, din l-attivita` saret vizzju, rabba tolleranza, u kien ipejjep biex iħossu normali. F'dan is-sens, għalkemm kien ikun taħt l-effetti għal tul ta' ħin konsiderevoli, huwa kien iħoss li hu normali.

Bl-istil ta' ħajja li kien qabad, m'hijiex sorpriża li anke spiċċa fetaħ il-każ odjern. Għall-ewwel, ma tantx ta każ, anke peress li jiftakar li kien għadu jpejjep sew. Kien biss ftit taż-żmien wara li kien beda jirrealizza f'hiex kien daħal.

L-appellant semma wkoll li fil-perjodu li kien qiegħed ipejjep ammont konsiderevoli, kellu wkoll bidla fl-attitudni tiegħu fejn ma kienx jagħti każ ta' x'jiġri jew il-konsegwenzi ta' għemilu, u t-tendenzi ġenerali li minflok jiffaċċja l-problemi, kien jippreferi jaħrabhom. L-istil ġenearli ta' ħajtu kien wieħed li jwassal jew imur id f'id mal-użu tad-droga fejn kien joħroġ iżjed f'postijiet tad-divertiment, u anke kien jabbuża minn drogi oħra b'mod okkażjonali. Fil-fatt stqarr li meta kien imur parties, kien jabbuża mill-*ecstasy*, u meta kien ikollu ftit flus, kien jagħmel użu mill-kokaina. Spjega kif apparti l-użu ta' kuljum tal-kannabis, minn tal-inqas darba fil-ġimgħa kien jagħmel użu wkoll mill-ecstasy, jew kokaina. L-użu tal-kokaina u ecstasy jidher li kien wieħed perjodiku u ma jidhirx li kien estensiv. Pero`, kien pjuttost regolari u ta' tħassib, anke riżultat tan-natura vizzjuża tad-droga msemmija.

Meta nfetaħ il-każ, l-imputat jgħid li għal bidu, ma kienx ta każ peress li kien baqa' jpejjep, iżda ftit taż-żmien wara beda jirrealizza f'hiex kien daħħal lilu nnifsu u dan kien xokk kbir għalih, u għal tal-familja. Qatt ma kien basar jew ikkunsidra lilu nnifsu bħala persuna li se jkollha diffikultajiet mal-liġi jew li kellu tendenzi kriminoġeniċi. Għalhekk il-fatt li kien fetaħ każ kriminali għalih kienet xi ħaġa serja. Minn hawn kien beda jipprova jnaqqas u għalkemm kien irnexxielu jagħmel dan, ma kienx irnexxielu jaqta' għal kollox. Iżjed il-quddiem, kien iltaqa' mas-sieħba li llum għadu magħha, u ma din kien beda jkollu argumenti minħabba l-użu tal-kannabis. Hi kienet tagħtu kundizzjoni li jew jieqaf, jew kienet ser twaqqaf ir-relazzjoni. B'din il-motivazzjoni, kien daħħalha f'moħħu li jieqaf mill-użu tal-kannabis. Huwa jiftakar li għalkemm waqaf mill-lum għal-għada, dan kellu r-riperkussjonijiet. Għal xi ġimgħat, kien bata min aġitazzjoni, ansjeta`, nervi, bidla fl-aptit, irritazzjoni, burdati, sintomi ta' dwejjaq, u l-ikbar problema kienet sabiex jorqod. Fil-fatt dawn kienu uħud mis-sintomi tipiċi tan-nuqqas ta' użu tal-kannabis, speċjalment meta wieħed jieqaf jużaha wara din tkun ikkonsmata fuq perjodu ta' żmien u/jew f'ammonti sostanzjali (DSM, pg.509)."[5]

[5] Ara r-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland a fol. 95 *et seq* tal-proċess.

Mill-informazzjoni li nġabret mill-istess espert, u mill-analizi tagħha, hija kkonkludiet illi l-imputat kien dipendenti fuq id-droga *cannabis* fil-perjodu ta' madwar Novembru 2014. In oltre skont id-djanjosi permezz tad-DSM-5, id-diżordni fl-użu kien ta' livell sever, bi klassifikazzjoni finali ta' *Severe Cannabis Use Disorder* [304.30]. Skont l-istess espert, jidher li r-reat odjern kien relatat mal-istil ta' ħajja tal-imputat li kienet tinkludi xi fatturi kriminoġeniċi, fatturi li ffaċilitaw dan l-istil ta' ħajja, li kien jinkludi l-użu u d-dipendenza mid-droga.

Il-Qorti tinnota illi kuntrarjament għar-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation*, fejn ġie indikat illi l-imputat kellu kwistjonijiet ma' ħuh b'kawża ta' liema huwa reġa' beda jabbuża mill-*cannabis* b'mod regolari xi erba' snin qabel l-istess rapport u għalhekk madwar is-sena 2016, fir-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland ġie indikat illi dan seħħ qabel il-każ odjern u għalhekk f'xi żmien qabel Novembru tas-sena 2014. Fiż-żewġ rapporti ġie indikat ukoll illi l-imputat f'dak iż-żmien anke waqaf jaħdem u fir-relazzjoni ta' Dr. Roberta Holland, in oltre, illi qabel dan, huwa kien ipejjep il-*cannabis* anke waqt il-ħinijiet tax-xogħol. F'dan il-kuntest, hija relevanti wkoll ix-xhieda ta' Louis Cachia[6], li meta xehed fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020, qal illi l-imputat kien ilu jaħdem miegħu xi ħames snin u nofs u għalhekk mis-sena 2015, kif ukoll illi l-imputat jaħdem ħafna, li jqatta' sigħat twal miegħu fuq il-lant tax-xogħol, li jiffrekwentaw lil xulxin anke soċjalment, illi l-imputat huwa "*tal-affari tieghu hafna*" u illi "*clean definitely*". Mid-dokumenti esebiti mas-*Social Inquiry Report* konsistenti fl-istorja tal-impjieg tal-istess imputat, jirriżulta illi huwa ġie reġistrat f'dan l-impjieg fl-1 ta' Diċembru 2015. Għalhekk ċertament illi mhuwiex verosimili illi l-kwistjonijiet ma' ħu l-imputat li wasslu lill-imputat għall-użu regolari tal-*cannabis* seħħew fis-sena 2016. Tqis ukoll f'dan il-kuntest ix-xhieda tas-sieħba tal-istess imputat[7] illi tgħid illi ilha f'relazzjoni miegħu minn Jannar 2015, illi r-relazzjoni tagħhom hija waħda stabbli u kemm skont ix-xhieda tagħha, kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert jirriżulta illi kienu jargumentaw dwar l-użu tiegħu tal-*cannabis* u li kien għalhekk li l-imputat iddeċieda li jwaqqaf dan l-użu. Minn dan jidher għalhekk illi hija iżjed verosimili il-verżjoni fir-relazzjoni tal-espert Dr. Holland ossia illi l-użu li l-imputat kien jagħmel regolarment mill-*cannabis* b'konsegwenza tal-kwistjonijiet li kellu ma' ħuh dwar xi tfajla, seħħ qabel il-każ odjern.

Il-Qorti qieset ukoll ir-relazzjoni dettaljata tal-espert Dr. Roberta Holland u b'mod partikolari kif l-istess espert tiddeskrivi fid-dettal dak li jgħid l-imputat dwar l-effetti tal-*cannabis*. Il-Qorti tqis illi d-dettal indikat fl-istess relazzjoni qajla seta' jiġi provdut mill-imputat, li kieku ma kienx veritier. Tqis in oltre illi kif jirriżulta mir-relazzjoni tal-espert, "*Fl-intervista klinika, intużaw xi metodi tal-*

[6] Ara a fol. 74 tal-proċess.

[7] Ara a fol. 80 tal-proċess.

*Cognitive Interview*[8] *u tal-Criterion Based Content Analysis*[9] *sabiex ikun aċċertat li l-imputat qiegħed jgħid il-verita`.*"[10] In oltre skont l-istess espert, "*Il-konklużjoni u osservazzjonijiet kliniċi saru permezz ta' evalwazzjoni tal-informazzjoni kollha miġbura, inkluż dik li ipprovda l-imputat, u kienet tinkludi analiżi minn aspett psikoloġiku u psikometriku, kif ukoll minn aspett tekniku sabiex tkun evalwata l-veraċita` tagħha*".[11]

Tenut kont tas-suespost, il-Qorti tqis illi minkejja l-inkonsistenza ndikati iżjed 'il fuq, għandha tistrieħ fuq il-konklużjonijiet raġġunti mill-espert Dr. Roberta Holland u ċioe` illi l-imputat kien dipendenti fuq id-droga *cannabis* fil-perjodu ta' madwar Novembru tas-sena 2014.

Fid-dawl ta' dan għalhekk, il-Qorti jidhrilha illi ġie sodisfaċentement ippruvat illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kien dipendenti fuq id-droga. In oltre tenut kont tan-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, u ċ-ċirkostanzi tal-każ kif allegati mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti jidhrilha illi jirriżulta wkoll sodisfaċentement ippruvat illi r-reati li l-imputat jinsab mixli bihom kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

Tqis ukoll fir-rigward tar-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, illi mir-rapport tal-*Probation Officer* u mir-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland, jirriżulta illi mill-każ odjern l' hawn, l-imputat irnexxielu jieqaf mill-użu tal-*cannabis*, bidel l-istil tal-ħajja tiegħu u reġa' dderieġa lilu nnifsu fit-triq it-tajba. Dan jirriżulta wkoll mix-xhieda tad-datur tax-xogħol tal-istess imputat, kif ukoll mix-xhieda tas-sieħba tiegħu. Jidher għalhekk illi l-imputat għamel sforz u progress sostanzjali sabiex jeħles mill-vizzju tad-droga, tant illi rnexxielu jieqaf mill-użu tagħha. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi anke r-rekwiżiti tal-liġi fl-imsemmi artikolu jissussistu.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi fil-każ odjern, ma jirriżultawx ċirkostanzi li jipprekludu l-applikabilita` tal-Artikolu 8 tal-imsemmi Kap. 537.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, tenut kont ta' dan kollu, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 jissussistu u għaldaqstant <u>qed</u>

---

[8] "*The cognitive interview (CI) is a method of interviewing… Cognitive interviews reliably enhance the process of memory retrieval and have been found to elicit memories without generating inaccurate accounts or confabulations. (Source: Fisher, R.P & Geiselman, R.E.).*"

[9] "*The "criteria-based content analysis" (CBCA) is a core component of the "statement validity analysis" (SVA), and is a tool used to distinguish true statements from false statements, (Source: Leo, R.A. 2008).*

[10] Ara a fol. 98 tal-proċess.

[11] A fol. 98 tal-proċess.

tilqa' t-talba tal-imputat **Francesco Saliba** u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-istess imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat